**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 3/IX/2024**

**Il-Ħamis, 8 t'Awwissu, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużat:**
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**3.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**3.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

2.2 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

## 3.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 2 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

3.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

3.3.3 Saret rimarka rigward punt 2.6.15 f'paġna 6. Ġie ssuġġerit li tista' tinstab soluzzjoni jekk jitkompla d-*double yellow line* eżistenti b'tali mod li faċċata ta' din il-gallarija ma jkunx jista' jsir parkeġġ. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta (TM).

3.3.3 Wara li saret korrezzjoniji l-minuti ġew approvati.

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu dawn il-laqgħat:-

3.4.1 mal-Pulizija, fejn ġie diskuss l-ilbies indiċenti f'Beltna. Hu qal li m'hawnx avviż legali li jispeċifika li ma jistax isir ilbies indiċenti. L-avviż legali li jeżisti jkopri biss li ma tisax tkun bla ħwejjeġ fejn il-baħar. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jaħdem biex jaddotta *By-Law* li ma tippermettix ilbies mhux xieraq fit-toroq ta' Beltna. Il-membri qablu u fil-laqgħa li jmiss li ssir kull xahar mal-Pulizija, tattendi l-Avukat tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss l-aħjar mod ta' kif għandu jsir l-abbozz ta' din il-*Bye-Law*;

3.4.2 L-ewwel laqgħa tal-Victoria 2031 Foundation. Ir-Reġjun Għawdex qed iħejji sabiex isir il-*Bid Book* li għandu jkun lest sa Settembru 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li attendiet għall-ewwel laqgħa tal-Victoria 2031 Foundation.

3.4.3 ma' Luke Said li hu rappreżentant tal-NGO 'Għawdix' fejn saret preżentazzjoni. Il-Viċi Sindku kien preżenti;

3.4.4 mal-Perit Edward Scerri u mad-disinjatur Paul Stellini fejn raw s-sala l-kbira tal-Kunsill sabiex finalment iressqu proposti ta' kif l-aħjar li din titranġa;

3.4.5 mal-Victoria Scout Group. Mar id-Dwejra fejn żar il-kamp li jsir kull sena. Tenna li hemm sens kibr ta' volontarjat u japprezza l-entużjamu ta' dan il-grupp;

3.4.6 rigward it-tindif, fejn ma kull entita', fosthom il-*Community Police* u l-Gwardjani Lokali li qed jgħamlu sforz sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' rimi llegali ta' skart kummerċjali.

3.47 Is-Sindku għarraf lill-membri li biex jitkompla l-proċess tar-restawr tan-niċeċ, il-Kunsill għandu l-firma tal-Gwardjan tal-Kapuċċini. Jonqos il-firem tas-sidien tan-niċċa tal-Kunċizzjoni ta' Pjazza Savina u ta' San Alwiġi Conzaga ta' Triq Karita'. Il-Kunsill għadda d-dettalji kollha mitluba minn Eko-Għawdex.

### 3.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.5.1 l-Malta Tourism Authority (MTA) fejn talbet *endorsement* fuq applikazzjoni tal-Awtorita' stess biex tissieħeb fl-Observatory fl-UNWTO International Network of Sustainbale Tourism Observatories (INSTO). Din saret wara li l-membri qablu unanimament;

3.5.2 il-Cultural Heritage Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward proposti li jistgħu jiġu mressqa sabiex jiġu organizzati attivitajiet għall-anzjani f'Ottubru 2024;

3.5.3 CareMalta Group fejn stiednet l-Kunsill sabiex iżur 'Dar San Ġużepp', id-dar tal-anzjani li għadha kif infetħet f'Għajnsielem;

3.5.4 il-persuna nkarigata mill-Erasmus+ fi ħdan il-Liceo 'E. Piga' Villacidro l-Italja;

3.5.5 persuna li ġibdet l-attenzjoni fir-rigward ta' fossili li sabet 'il ġew minn Triq Viani fejn qed tinbena t-triq minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Din ġiet riferuta għall-Periti tal-Ministeru li dawn assiguraw li l-proġett hu kollu immonitorjat mill-Arkeologu li l-ħin kollu jkun fuq is-sit waqt li jkun qed isir ix-xogħol;

3.5.6 l-iStrategy and Support Division li torganizza l-Wirja tal-Biedja u Snajja li ssir fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Marija. Intalab permess sabiex jintużaw parkeġġi qrib il-Villa Rundle sabiex l-attivita' tkun organizzata b'mod aħjar. Il-membri qablu;

3.5.7 il-*Location Manager* tal-produzzjoni tas-serje 'Madame Blanc'. Intalbu permessi sabiex jintużaw parkeġġi u toroq fi ġranet diversi. Il-membri qablu li jinħareġ dan il-permess dment li dejjem jitħalla aċċess għall-pedonali;

3.5.8 l-Avukat tal-Kunsill fejn bgħatet tavża lill-Kunsill bis-sentenza fuq l-appell li l-Kunsill kien għamel kontra Gatt Asphalting Ltd.;

3.5.9 l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn intbagħtu żewġ avviżi ta' zgumbrar lis-sidien tal-kjosks li jinsabu fil-parkeġġ tal-isptar;

3.5.10 resident li ssuġġerixxa li jitranġa l-*fence* li hemm mal-Wied ta' Żejta. Dan filfatt diġa' kien beda jitranġa;

3.5.11 il-Malta Health Students' Association (MHSA) li tippromwovi l-kura u s-saħħa. Issuġġerew li ssir attivita' fejn ikun hemm *check-ups* b'xejn lir-residenti. Il-membri qablu li din l-attivita' tista ssir fi Pjazza Indipendenza, is-Sibt filgħodu, 30 ta' Novembru, 2024;

3.5.12 sid ta' kjosk li għandu l-permessi neċessarji qed jitlob sabiex jarma l-kjosk tiegħu fuq il-bejt tal-klinika tal-Gvern fi Pjazza San Franġisk. Il-membri ma qablux. L-alternattiva hi li jarma fil-parti l-wiesgħa fil-Wied ta' Żejta. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jimxi mal-kundizjonijiet li l-Kunsill jagħmel f'dawn il-każijiet li huma:- li l-kjosk tintrama fil-*weekends* wara l-17:00, il-Ġimgħa nkluża, il-kjosk titneħħa kull filgħaxija, titħalla l-indafa, li l-permess jista' jiġi revokat mill-Kunsill u li s-sid irid jimxi mal-permessi kollha neċessarji.

## 3.6 Immaniġajr tat-Traffiku

Transport Malta (TM) approvat:-

3.6.1 *one metre double yellow* lines biswit garaxx fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex kantuniera ma Triq San Ġuzeppi Labre';

3.6.2 parkeġġ riservat għal użu tal-Kunsill fi Triq il-Kastell;

3.6.3 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk KA, Flat 2, Taċ-Ċawla H.E.;

3.6.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Flat 1, Craig Court, Triq Għajn Qatet;

3.6.5 it-tneħħija ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Nirvanah', fi Triq Fortunato Mizzi.

Intalab il-permess ta' TM għal:-

3.6.6 *un/laoding bay* quddiem 'Victoria's Restaurant' fi Triq l-Ewropa;

3.6.7 għall-*pedestrian crossing* fi Triq Santa Dminka. TM talbet il-pjanti relatati u peress li din hi arterja, il-Kunsill ressaq it-talba tal-pjanti quddiem id-Direttorat Strateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

3.6.8 Il-Perit lesta l-pjanta kif mitluba minn TM relatata mal-*one way* ta' Triq Sir Luigi Camilleri. Din tressqet quddiem TM għal approvazzjoni finali. Il-Kunsill kien qabel li l-*one way* tkun implimentata wara li tinfetaħ it-Triq ta' wara s-Sur.

3.6.9 Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex jiddaħħal parkeġġ ta' karozza u parkeġġ tal-muturi fi Triq Sant' Indrija.

3.6.10 Tressaq suġġeriment sabiex il-bankina l-wiesgħa ta' Triq Palma titnaqqas, xorta jibqa' spazju biżżejjed sabiex tgħaddi b'siġġu tar-roti u jkunu jistgħu jiddaħħlu aktar parkeġġi. Dan is-suġġeriment diġa tressaq quddiem TM, pero' dan ma kienx ġie aċċettat. Għandha terġa titressaq il-korrispondenza relatata.

## 3.7 Playing Field

3.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ltaqa mal-Perit sabiex jiddiskutu l-*upgrading* tal-*playing field*. Għandhom jitressqu l-proposti quddiem il-Kunsill sabiex jiġu diskussi. Il-membri qablu.

3.7.2 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jesplora sabiex jakkwista l-fondi neċessarji għal dan il-proġett.

3.7.3 Tressqet korrispondenza mingħand l-ARMS fejn qed titlob pagament ta' kont ta' meter tad-dawl li l-ARMS qed tgħid li jinsab fi Triq Salvatore Psaila u li jkopri l-*playing field*. Il-Kunsill kien talab l-qari attwali ta' dan il-meter, pero' l-meter ma nstabx mill-*meter reader* u dan tixdhu korrispondenza tal-ARMS datata 29 ta' Jannar, 2024. Din il-materja kemm il-darba ġiet diskussa u l-membri qablu li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Avukat fuq jekk dan għandux jitħallas u jinqata' darba għal dejjem w anke' sabiex nevitaw problemi jekk ikun hemm il-bżonn li ssir sistema ta' dawl ġdida fil-*playing field*.

**3.8 Entrata – Bieb Prinċipali Banca Giuratale**

3.8.1 Is-Sindku qal li l-bieb ta' bejn l-uffiċċju tat-Taqsima tal-Kultura u l-uffiċċju tal-Kunsill kien ingħalaq fi żmien il-*Covid 19* u kien għadu ma bediex jinfetaħ. Hu ħass li dan m'għandux jibqa jsir peress li hu degradanti li l-entrata tal-Kunsill tkun mill-bieb ta' wara tal-Banca Giuratale. Għalhekk ġie ggwidat sabiex finalment jitkellem mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex il-Kunsill jerġa jkollu l-entrata tiegħu mill-bieb prinċipali kif kien id-dritt tiegħu mill-1999.

3.8.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibqa jisħaq li l-Banca Giuratale kollha għandha tkun f'idejn il-Kunsill. Il-membri jaqblu.

**3.9 Ġnien Qasam San Ġorġ**

3.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ltaqa mal-Perit Scerri u ddiskuta kif l-aħjar li jitranġa l-ġnien ta' Qasam San Ġorġ. Għandhom jitressqu l-proposti quddiem il-Kunsill sabiex jiġu diskussi. Il-membri qablu.

**3.10 Nichelino Ottubru 2024**

3.10.1 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Comune ta' Nichelino aċċettaw li l-Kunsill jipparteċipa fil-Fiera di Stupinigi li se ssir f'Ottubru li ġej.

3.10.2 Il-membri qablu li l-Kunsill jipparteċipa permezz tal-grupp folkloristiku 'Ogygia'. Minn dan il-grupp ser ikun hemm 10 membri li ser iħallsu t-titjira tagħhom u l-Kunsill joffri l-akkomodazzjoni.

3.10.3 Qablu li s-Sur Paul Galea li hu l-kuntatt prinċipali ma' Nichelino jattendi mal-Kunsill u Alvin Scicluna minn CVC jieħu ħsieb il-filmati.

3.10.4 Il-membri tal-Kunsill interessati, flimkien ma' impjegata tal-Kunsill ser ikunu Nichelino bejn it-3 u s-7 t'Ottubru 2024.

3.10.5 Minn naħa tal-Comune ta' Nichelino ser jiġi offrut it-trasport mill-ajruport u lura.

**3.11 Attivita' għat-tfal**

3.11.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir attivita' immirata għat-tfal qabel tibda l-iskola. Issuġġerixxa li din issir fi Pjazza Indipendenza nhar il-Ħadd filgħodu, 22 ta' Settembru, 2024. Il-membri qablu.

3.11.2 Il-membri qablu li waqt din l-attivita' tingħalaq Triq Repubblika minn salib it-toroq sa' Savina u Triq il-Kastell *issir two way*.

3.11.3 L-attivitajiet li ser isiru jinsabu f'Dokument A anness.

### 3.12 Festa Santa Marija

3.12.1 Il-membri tal-Kunsill irċivew l-invit tal-Arċipriet tal-Katidral sabiex jattendu għall-Pontifikal ta' nhar il-Festa.

3.12.2 Ser isir bukkett fjuri quddiem il-vara fil-Knisja.

### 3.13 *Bollards* Pjazza Indipendenza

3.13.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-*bollards* li ġew offruti mhumiex kif jixtieq il-Kunsill. Il-membri qablu li din l-offerta ma tibqax tiġi kkunsidrata.

3.13.2 Qablu li jintalbu katalgi mingħand dawn l-offerenti fejn il-Kunsill ikun jista' jara x'*bollards* hawn fis-suq.

3.13.3 Il-*bollards* għandhom ikunu jissakru b*'masterkey* u kull meta jkun hemm il-bżonn li dawn jitneħħew għandu jintalab lill-Kunsill biex ineħħihom u jinġabbru fl-uffiċċju sakemm ikun hemm il-bżonn.

### 3.14 Offerta – Tindif ta' Toroq

3.14.1 Din l-offerta ser toħroġ f'Awwissu 2024.

### 3.15 Offerta – Xiri ta' Litter Bins

3.15.1 Din l-offerta qed tiġi aġġudikata.

### 3.16 Offerta – manteniment ta' Qsari

3.16.1 Tressaq ir-rapport tal-Bord t'aġġudikazzjoni ta' din l-offerta. Il-Bord qal li l-unika offerta li ntefgħet, ta' Spring Co. Ltd., hi eliġibli u l-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil din il-kumpanija.

3.16.2 Il-membri qablu mas-suġġeriment tal-bord u l-kuntratt għandu jibda mill-1 ta' Settembu 2024.

### 3.17 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

3.17.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Awwissu 2024, skont dokument B anness**.**

### 3.18 Xogħolijiet oħra

3.18.1 Il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar ser issir nhar it-Tnejn, 19 t'Awwissu, 2024 fl-10:00.

Il-membri qablu li:-

3.18.2 jinżabru s-siġar tal-olejander ta' Triq San Ġwann Bosco;

3.18.3 jinbidel il-ħadid miksur tal-*culverts* ta' Triq Palma;

3.18.4 bozza eżistenti fuq arblu ma' propjeta' li ser titwaqqa fi Triq it-8 ta' Diċembru tiġi mressqa fuq arblu li jinsab fil-qrib;

3.18.5 wara Santa Marija jitnadfu l-*culverts* ta' Triq Palma, Triq l-Assunta u Pjazza San Ġorġ qabel tagħmel ix-xita. Minn naħa ta' Eko-Għawdex għandu jitnaddaf il-wied ta' Triq Wied il-Lunzjata;

3.18.6 l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-Kunċert 'Puccini 100 Anniversary Concert'. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €300;

3.18.7 ssir ħarġa għall-anzjani biex jattendu il-Birgufest li ser issir fit-12 t'Ottubru, 2024;

3.18.8 jiġi rrappurtat lill-*Community Police* l-ingombru li qed jitħalla minn mekkanik fi Triq Mattia Preti;

3.18.9 jitranġaw il-ħsarat żgħar fit-toroq taċ-ċentru tar-Rabat.

**3.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2024.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |